MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 300/2005

**Mary Baldacchino K.I. Numru 426464(M)**

**Vs**

**George Baldacchino**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut bix ihallas lill-attrici martu (mifrudin de facto) is-somma ta' erbat elef, seba' mija u zewg liri u hmistax-il centezmu (Lm4.702.15) bhala rifusjoni ta' dejn assunt minnu bhala debitur favur Bank of Valletta plc, ta' liema dejn l-attrici kienet garanti solidali, liema somma l-Bank thallas minghandha fl-24 ta' Mejju 2004 billi hadhom minn wirt provenjenti lilha.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid (26.04.2005). Bl-imghax legali mill-24 ta' Mejju 2004 sal-pagament effetiv.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-1 ta' Frar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,702.15 bl-imghax legali mis-26 ta' April 2005 sad-data tal-pagamanet effetiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' qbid pprezentat fis-26 ta' April 2005.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------